

**Domanda preliminari**

Distinzjoni fir-rata ta' taxxa għall-ikel tal-għaġina u għall-kejkijiet, skont l-Artikolu 41(2) flimkien mal-intestatura 32 tal-Anness 3 tal-Liġi tal-11 ta' Marzu 2004 dwar it-taxxa fuq il-beni u s-servizzi (Ustawa o podatku od towarów i usług, Dz. U. 2011, Nr. 177, intestatura 1054, kif emendata), esklużivament fuq il-bażi tal-kriterju tad-“data minima li jinżamm il-prodott” jew tad-“data ta' skadenza”, tikser il-prinċipju ta' newtralità tat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-projbizzjoni ta' trattament differenti ta' prodotti fis-sens tal-Artikolu 98(1) u (2) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud <sup>(1)</sup>?

<sup>(1)</sup> ĠU 2006, L 347, p. 1.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fis-16 ta' Settembru 2016 – Caterpillar Financial Services sp. z o.o. vs Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie**

**(Kawża C-500/16)**

(2017/C 022/04)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Naczelny Sąd Administracyjny

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Caterpillar Financial Services sp. z o.o.

Konvenut: Dyrektor Izby Skarbowej w Warszawie

**Domanda preliminari**

Il-prinċipji ta' effettività, ta' kooperazzjoni leali u ta' ekwivalenza stabbiliti fl-Artikolu 4(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jew kwalunkwe prinċipju ieħor applikabbli tad-dritt tal-Unjoni, jipprekludu, fil-qasam tal-VAT, fid-dawl tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-17 ta' Jannar 2013, BGŻ Leasing, C-224/11, EU:C:2013:15, dispożizzjonijiet nazzjonali jew prassi nazzjonali li jipprekludu r-rimbors ta' eċċess ta' VAT miġbur bi ksur tad-dritt tal-Unjoni, meta, minħabba l-aġir tal-awtoritajiet nazzjonali, il-persuna taxxabbi setgħet teżerċita d-drittijiet tagħha biss wara l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni tal-obbligu fiskali?

---

**Appell ippreżentat fis-26 ta' Settembru 2016 minn Francisco Javier Rosa Rodriguez mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fl-20 ta' Lulju 2016 fil-Kawża T-358/16, Rosa Rodriguez vs Consejería de Educación de la Junta de Andalucía**

**(Kawża C-509/16 P)**

(2017/C 022/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

Appellant: Francisco Javier Rosa Rodriguez (rappreżentant: J. Velasco Velasco, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Consejería de Educación de la Junta de Andalucía

Permezz ta' digriet tat-8 ta' Diċembru 2016, il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) ħadhet l-appell u ddeċidiet li F.J. Rosa Rodriguez għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Apelacyjny w Gdańsku (il-Polonja) fl-4 ta' Ottubru 2016 – Stefan Czerwiński vs Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział u Gdańsku**

**(Kawża C-517/16)**

(2017/C 022/06)

*Lingwa tal-kawża:* il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Apelacyjny w Gdańsku

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Stefan Czerwiński

*Konvenuta:* Zakład Ubezpieczeń Społecznych Oddział u Gdańsku

**Domandi preliminari**

- 1) Il-klassifika ta' benefiċċju taħt waħda mill-fergħat tas-sigurtà soċjali elenkati fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 883/2004") fid-dikjarazzjoni li saret mill-Istat Membru skont l-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament taqa' taħt l-evalwazzjoni tal-awtoritajiet jew tal-qrati nazzjonali?
- 2) Il-pensjoni ta' tranżizzjoni li tirriżulta mill-ustawa z dnia 19 grudnia 2008 roku o emeryturach pomostowych (liġi Pollakka dwar il-pensjonijiet ta' tranżizzjoni tad-19 ta' Diċembru 2008, Dz. U. tal-2015, intestatura 965, kif emendata) tikkostitwixxi benefiċċju marbut mal-età fis-sens tal-Artikolu 3(1)(d) tar-Regolament Nru 883/2004?
- 3) L-esklużjoni tar-regola dwar l-għadd ta' perijodi sabiex jingħata d-dritt għall-benefiċċji ta' qabel l-irtirar (Artikolu 66 u premissa 33 tar-Regolament Nru 883/2004) twettaq funzjoni ta' protezzjoni fil-qasam tas-sigurtà soċjali li tirriżulta mill-Artikolu 48(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio (l-Italja) fit-12 ta' Ottubru 2016 – MA.T.I. SUD SpA vs Società Centostazioni SpA**

**(Kawża C-523/16)**

(2017/C 022/07)

*Lingwa tal-kawża:* it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale Amministrativo Regionale per il Lazio

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* MA.T.I. SUD SpA

*Konvenuta:* Società Centostazioni SpA